# Leħen il-Fgura

Sena 57 Nru. 375 Diċembru 2024



## *Messaġġ mill-Kappillan*
## Il-Milied Festa ta' Tama

Meta jasal Diċembru dejjem nitkellmu fuq il-Milied. U bilfors. Għax il-ġrajja tal-Milied tant hija kbira – tant ġabet bidliet kbar fid-dinja li ma jistax ikun li jgħaddi dan ix-xahar u ma ssemmix il-Milied. Imbagħad min-naħa l-oħra is-soċjeta ġiet ikkundizzjonata ħafna f'din il-festa. Tista' tgħid li d-dinja kollha tiċċelebra l-Milied – min b'mod soċjali, min b'mod ekonomiku u min b'mod reliġjuż.

Aħna l-Maltin niċċelebraw il-Milied b'diversi modi. Rigali, ikliet, festini, kartolini, serati eċċ. Iżda fuq kollox il-funzjonijiet reliġjużi fil-knisja u barra: il-purċissjoni bil-Bambin, novena u l-quddiesa ta' bil-lejl.

Iżda ħuti Fgurin, ejjew nidħlu fil-fond u ma ngħixux dan iż-żmien b'mod artifiċjali. Ejjew lil Ġesù nħalluh jitwieled ġewwa qalbna u ġewwa l-familji tagħna. Kemm individwi jkunu qalb tant nies f'dawn il-ġranet iżda fl-istess ħin iħossuhom waħedhom u dan jiġri għax qalbhom hija vojta. Kemm żgħażagħ imorru jixorbu, jiżfnu u jagħmlu ħafna ħwejjeġ oħra biex jippruvaw jinsew id-dwejjaq tagħhom. U minn fejn ġejjin dawn id-dwejjaq? Forsi m'għandhomx xogħol? Jista' jkun. Forsi għax iġġieled mal-għarusa jew iġġielded mal-għarus? Jista' jkun. Forsi kellu ħabib u abbandunah? Jista' jkun. Iżda mhux dawn ikunu propju l-kawża tad-dwejjaq. Id-dwejjaq jiġu mill-vojt u l-vojt jiġi min-nuqqas ta' mħabba. U fejn teżisti l-imħabba, jekk mhux f'Alla. Mela l-kawża tad-dwejjaq kollu ġej min-nuqqas t'Alla.

F'Ġesù tarbija mwieled fil-għar ta' Betlem naraw tant tfal li għalkemm għadhom żgħar diġa ma jistgħux jgħidu l-kelma Pa jew Ma. Il-qtil tat-trabi innoċċenti minn Erodi jfakkarna f'tant trabi li kuljum jiġu maqtula permezz tal-abort. L-istilla kienet il-mezz li bih il-Maġi sabu lil Ġesù. Aħna għandna ħafna mezzi li bihom nistgħu nsibu lil Ġesù. Aħna l-insara għandna xorti kbira li nistgħu niltaqgħu ma' Ġesù fl-Ewkaristija.

Mela l-Milied hija festa kbira. Festa li tagħtina kull tama – It-tama ta' Ġesù li hija l-Bxara t-Tajba: Tweldina Tifel, ingħatalna Iben u dan huwa l-ħellies, is-salvatur. Dan huwa Iben Marija – Ejjew Nadurawh.

Awguri għall-Milied u s-Sena t-tajba lil kulħadd.

P. Raymond Calleja O. Carm
Kappillan.

**Il-Kappillan u l-Pirjol**
**flimkien mal-komunità Karmelitana**
**u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali**
**jawguraw il-Milied u s-Sena t-tajba**
**lil kulħadd**

